# KNISJA U S-SALTNA

Wieġeb il-mistoqsijiet mingħajr għajnuna ta' ħadd:

## Danjel 2:44

"U fil-jiem ta' dawn is-slaten **iwaqqaf** Alla tas-sema **saltna** li qatt ma tiġi mfarrka: u **s-saltna** ma titħalliex għall-poplu ieħor; imma din tfarrak u teqred dawn is-saltniet kollha, u hi tibqa' għal dejjem."

1. **Mistoqsija**: Temmen int li fil-jiem ta' dawn is-slaten Alla tas-sema **wiegħed li jwaqqaf saltna**?

   **Tweġiba**: **IVA LE**

## Eżodu 19:5-6

"Għalhekk issa, jekk tassew tisimgħu kliemi, u tħarsu l-għaqda tiegħi, intom tkunu t-teżor partikulari tiegħi fost il-popli kollha: għax l-art kollha tiegħi: **U tkunu għalija saltna ta' qassisin**, u ġens imqaddes, Dan huwa l-kliem, li int għandek tgħid lil ulied Iżrael"

2. **Mistoqsija**:

   Temmen int li hawn, meta Alla qal, "*u tkunu għalija saltna ta' qassisin*" kien qiegħed **iwiegħed saltna**? (Ara **Mistoqsija 22**).

   **Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 3:1-2

"F'dawk il-jiem ġie Ġwanni l-Battista, ixandar fid-deżert tal-Lhudija, u jgħid: Indmu; **għax qorbot** is-saltna tas-smewwiet."

3. **Mistoqsija**:

   Temmen int li fi żmien Ġwanni l-Battista **s-saltna** kienet "qorbot"?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mark 1:14-15

"Issa wara li Ġwanni l-Battista ntafa' l-ħabs, Ġesù ġie fil-Galilija, ixandar l-evanġelju **tas-saltna ta' Alla**. U jgħid: Għalaq iż-żmien, **is-saltna ta' Alla qorbot**: indmu, u emmnu l-evanġelju."

4. **Mistoqsija**:
   Temmen int lis-saltna kienet qorbot fiż-żmien li Ġesù qal dan il-kliem?

   **Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 4:17

"Minn dak iż-żmien Ġesù beda jxandar u jgħid: "Indmu, għax **is-saltna tas-smewwiet waslet.**"

5. **Mistoqsija**:
   Temmen int lis-saltna kienet **waslet** fiż-żmien li Ġesù qal dan il-kliem?

   **Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 4:23

"U dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi tagħhom, ixandar **il-bxara t-tajba tas-saltna** u jfejjaq kull xorta ta' mard u lil kull min kien nieqes minn saħtu."

6. **Mistoqsija**:
   Temmen int li Ġesù kien qiegħed ixandar il-"bxara t-tajba **tas-saltna**"?

   **Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 6:9-10

"Mela itolbu hekk: 'Missierna, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, **tiġi saltnatek,** ikun li trid, kif fis-sema, hekkda fl-art."

7. **Mistoqsija**:

   Temmen int li Ġesù qalilhom biex jitolbu **għall-miġja tas-saltna** li jfisser lis-saltna kienet għadha ma ġietx f'dak il-waqt?

   **Tweġiba**: IVA   LE

## Mattew 10:5,7

"Dawn it-tnax bagħat Ġesù, u ordnalhom billi qal:...Intom u sejrin, xandru, billi tgħidu: **Qorbot is-saltna tas-smewwiet.**"

8. **Mistoqsija**:

   Temmen int, lit-tnax bdew ixandru lis-**saltna tas-smewwiet kienet qorbot**?

   **Tweġiba:** IVA   LE

## Luqa 10:9

"U fejqu l-morda li jkunu hemm, u għidulhom: **Is-saltna ta' Alla qorbot lejkom**."

9. **Mistoqsija**:

   Temmen int, li f'dak il-ħin **is-saltna** kienet għadha ma ġietx imma li kienet **qorbot lejhom**?

   **Tweġiba:** IVA   LE

## Mark 9:1

"U qalilhom: Tassew ngħidilkom: hemm x'uħud milli qegħdin hawn, li **ma jduqux il-mewt**, qabel ma jaraw **is-saltna** ta' Alla ġejja bil-qawwa."

10. **Mistoqsija**:

Temmen int, skond Ġesù xi wħud minn dawk li kienu preżenti Miegħu f'dak il-waqt kienu se **jaraw is-saltna** ta' Alla ġejja bil-qawwa" f'ħajjithom?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 13:18

"Mela isimgħuha intom il-parabbola ta' dak li jiżra'. Kull min jisma' l-kelma **tas-saltna** u ma jifhimhiex, jersaq il-Ħażin u jisraqlu dak li jkun inżera f'qalbu: dan huwa dak li nżera' mal-mogħdija.."

11. **Mistoqsija**:

Temmen int, li skond Ġesù, hemm "kelma tas-saltna"?

**Tweġiba**: IVA LE

12. **Mistoqsija**:

Temmen int, li Ġesù, f'dak il-waqt li kien qiegħed igħid dik il-parabbola taż-żerriegħa Hu kien qiegħed jirreferi għal dik is-saltna li Hu kien qal li kienet *fil-qrib* jew *għal saltna ta' elf sena fuq l-art* eluf ta' snin wara?

**Tweġiba**: IVA LE

Għas-saltna li kienet fil-qrib ☐

Għas-saltna ta' elf sena fuq l-art eluf ta' snin wara ☐

## Mattew 13:24, 30

"Ġibilhom parabbola oħra u qalilhom: "**Is-saltna tas-Smewwiet** tixbaħ lil wieħed raġel li żera' żerriegħa tajba fil-għalqa tiegħu. Iżda xħin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żera' s-sikrana qalb il-qamħ u telaq....Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid lill-ħassada: 'Iġbru s-sikrana l-ewwel, u orbtuha qat-

ta qatta għall-ħruq, imbagħad qiegħdu l-qamħ fil-maħżen tiegħi.'" (Tajjeb li taqra versi 24 sa 30).

13. **Mistoqsija**:

Temmen int, li **s-saltna** li Ġesù qiegħed jitkellem dwar-ha hija dik **is-saltna** li Hu qal li kienet **qorbot**?

**Tweġiba**: IVA LE

- Issa aqra t-tifsira tal-Mulej ta' din il-parabbola **f'versi 36 sa 43**.

14. **Mistoqsija**:

Temmen int li Ġesù hawn qiegħed jirreferi għall-knisja (il-Kristjani kollha) bħala ż-żerriegħa t-tajba u bħala l-ġusti?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 25:30

"Ġibilhom parabbola oħra u qalilhom: "**Is-Saltna** tas-Smewwiet tixbaħ lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel ikun qabad u żeragħha fil-għalqa tiegħu. Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda, meta tikber, tkun l-akbar waħda fost il-ħxejjex u ssir siġra, hekk li l-agħsafar ta' l-ajru jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha."

15. **Mistoqsija**:

Temmen int, li**s-saltna** li Ġesù qiegħed jitkellem dwa-rha hawn hija dik **is-saltna** li Hu qal lil Pietru li kien se jagħtih l-imfietaħ tagħha f'Mattew 16:19?

**Tweġiba**: IVA LE

## Luqa 13:33

"Qalilhom parabbola oħra: "Is-**Saltna** tas-Smewwiet tixbah lil ftit ħmira li waħda mara tkun qabdet u ħalltet ma' tliet sigħan dqiq sa ma tkun għoliet il-għaġna kollha."

16. <u>Mistoqsija</u>:

Temmen int, li din **is-saltna** hija dik is-saltna ta' elf sena mgħallma mill-premillennjalisti li, skond huma, għad trid tiġi mwaqqfa fuq l-art fil-futur?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**<u>Mattew 13:44</u>**

"**Is-Saltna** tas-Smewwiet tixbah lil teżor moħbi f'għalqa, li wieħed raġel isibu u jaħbih, u kollu ferħan imur ibigħ kull ma jkollu u jixtri dik il-għalqa."

17. <u>Mistoqsija</u>:

Temmen int, **lis-saltna** msemmija hawn hija xi saltna ta' elf sena li kellha titwaqqaf eluf ta' snin wara li Ġesù qal dan il-kliem?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**<u>Mattew 13:45, 46</u>**

"**Is-Saltna tas-Smewwiet** tixbah lil wieħed negozjant ifittex ġawhar fin; meta sab ġawhra tiswa ħafna, mar biegħ kull ma kellu u xtara lilha."

18. <u>Mistoqsija</u>:

Temmen int, li Ġesù qiegħed jirreferi hawn għal xi ħaġa oħra barra **mill-knisja, is-saltna** Tiegħu, li kellha titwaqqaf fiż-żmien xi wħud minn dawk li kienu Miegħu?

**<u>Tweġiba</u>**: IVA LE

**<u>Mattew 13:47-50</u>**

"**Is-Saltna** tas-Smewwiet tixbah ukoll lil xibka mixħuta l-baħar li fiha jinġabar minn kollox. Meta timtela jtellgħuha x-xatt, u joqogħdu bilqiegħda, jiġbru fil-kannestri dak li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin. Hekk jiġri fi tmiem id-dinja: l-

anġli joħorġu jifirdu l-ħżiena mill-ġusti, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien."

19. **Mistoqsija**:

Qiegħed hawn Ġesù jitkellem dwar **il-knisja u l-membri tagħha**, jew dwar saltna ta' elf sena fuq l-art fil-futur eluf ta' snin aktar wara.

**Tweġiba**:

Dwar il-Knisja ☐

Dwar saltna ta' elf sena fuq l-art fil-futur ☐

## Mattew 13:51, 52

"Kollu fhimtuh dan? "Iva," qalulu. U hu qalilhom: "Għal-hekk kull kittieb imgħallem tal-Liġi li jkun **sar dixxiplu tas-Saltna** tas-Smewwiet jixbaħ lil wieħed sid li, mill-ħażna tiegħu, joħroġ sew il-ġdid u sew il-qadim."

20. **Mistoqsija**:

Temmen int li wieħed isir **dixxiplu** ta' Kristu fil-knis-ja, li hija **s-saltna** (Mattew 28:19)?

**Tweġiba**: IVA LE

## Ġwanni 3:5

"Wieġbu Ġesù. "Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u l-Ispirtu, **ma jistax jidħol fis-Sal-tna ta' Alla**."

21. **Mistoqsija**:

Temmen int, li meta wieħed **jitwieled mill-ġdid** dan isir membru **fil-knisja** ta' Kristu, **is-saltna** ta' Alla (Rumani 6:3-5)?

**Tweġiba**: IVA LE

**1 Pietru 2:9**

"Imma intom ġens maħtur, saċerdozju **rjali**, nazzjon qadd-is, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb." (Ara Atti 20:28.)

22. **Mistoqsija**:

Temmen int, li dak li ntqal f'Eżodu 91:5-6 (Mistoq-sija 2) kien imwettaq u Pietru qiegħed jitkellem dwar dan?

**Tweġiba**: IVA LE

**Rivelazzjoni 1:6**

"U **għamilna saltna** u qassisin għal Alla tiegħu Missieru, lilu l-glorja u s-setgħa għal dejjem ta' dejjem. Amen."

23. **Mistoqsija**:

Temmen int, li Kristu **għamilna saltna** u qassisin?

**Tweġiba**: IVA LE

24. **Mistoqsija**:

Tista' tkun **saltna** mingħajr mas-saltna tkun fl-eżisten-za?

**Tweġiba**: IVA LE

**Rivelazzjoni 1:9**

"Jiena Ġwanni, ħukom f'Ġesù Kristu u sieħeb tagħkom fit-taħbit u **fis-saltna** u fis-sabar, jien sibt ruħi fil-gżira li jisimha Patmos minħabba l-Kelma ta' Alla u x-xhieda ta' Ġesù."

25. **Mistoqsija**:

Temmen int, li waqt li Ġwanni kien fil-gżira ta' Pat-mos, **is-saltna** kienet diġa' fl-eżistenza?

**Tweġiba**: IVA LE

**Kolossin 1:12, 13**

"Roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li **tissieħbu** fil-wirt tal-qaddisin **fis-saltna** tad-dawl. Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u **daħħalna fis-saltna** ta' Ibnu l-maħbub." (Ara mill-ġdid 1 Pietru 2:9, dwar mistoqsija 22 dwar "*li sejħilkom mid-dlam għad-dawl*").

**26. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li aħna qegħdin **fil-knisja** li hi **s-saltna**?

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Lhud 12:28</u>

"Għalhekk ladarba **aħna <u>ksibna</u> saltna** li ma tistax tkun imheżża, ħa nżommu l-grazzja, li biha nistgħu naqdu 'l Alla kif jixraq, bil-ġieh u l-biża'."

**27. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li jekk aħna **ksibna saltna**, **is-saltna** għandha tkun **fl-eżistenza issa** kif kienet fl-eżistenza fiż-żmien meta l-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud kiteb dak il-kliem? (Ara Danjel 2:44, mistoqsija 1).

**<u>Tweġiba</u>:** IVA LE

## <u>Mattew 18:3</u>

"Tassew ngħidilkom, jekk ma tikkonvertux, u ssiru bħal tfal żgħar, **ma tidħlux fis-saltna** tas-smewwiet."

**28. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int, li Ġesù kien qiegħed hawn jirreferi għad-dħul fil-knisja jew għal saltna ta' elf sena fuq l-art eluf ta' snin wara?

**<u>Tweġiba</u>:**

Għad-dħul fil-knisja Tiegħu ☐

Għal saltna ta' elf sena fuq l-art ☐

## <u>Mattew 7:21</u>

"Mhux kull min jgħidli: 'Mulej, Mulej', **jidħol fis-saltna** tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet."

29. **Mistoqsija**:
Temmen int, li skond Ġesù, min jagħmel ir-rieda tal-Missier **jidħol fis-saltna tas-smewwiet**?
**Tweġiba**: IVA LE

30. **Mistoqsija**:
Jista' xi ħadd **jidħol f'saltna** li ma tkunx teżisti?
**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew 6:3

"Iżda fittxu l-ewwel **is-saltna ta' Alla**, u l-ħaqq tiegħu; u dawn il-ħwejjeġ kollha jiżdidulkom."

31. **Mistoqsija**:
Jista' xi ħadd **ifittex dak li ma jkunx jeżisti**?
**Tweġiba**: IVA LE

## Mattew: 26:29

"Iżda jien ngħidilkom: Minn issa 'l quddiem ma nixrobx minn dal-frott tad-dielja, sa dak in-nhar meta nixorbu ġdid magħkom **fis-saltna** ta' Missieri."

32. **Mistoqsija**:
Taqbel int li meta ntqal dan il-kliem minn Ġesù s-saltna kienet għandha ma twaqqfitx?
**Tweġiba**: IVA LE

## 1 Korintin 11:23:26

"Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu qal: "Dan hu ġismi li

jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi." Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: "Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi, agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi." Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi."

33. **Mistoqsija**:
Taqbel int li l-appostlu Pawlu kien **fis-saltna** f'dak il-waqt li qal dan il-kliem billi kien qiegħed ixandar il-mewt tal-Mulej?

**Tweġiba**: IVA LE

## Mark: 9:1

"U qalilhom: Tassew, ngħidilkom: *Hemm xi wħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma* **jaraw is-saltna** ta' Alla ġejja **bil-qawwa**. "

34. **Mistoqsija**:
Jista' dan il-kliem ta' Ġesù jkun applikat għal saltna li kellha tkun imwaqqfa eluf ta' snin wara?

**Tweġiba**: IVA LE

35. **Mistoqsija**:
Kellha s-**saltna** tkun imwaqqfa fi żmienhom?

**Tweġiba**: IVA LE

## Luqa: 24:49

"U, ara, jien nibgħat il-wegħda ta' Missieri fuqkom: iżda intom ibqgħu fil-belt ta' Ġerusalem, sakemm titlibbsu bil-qawwa mill-għoli. "

36. **Mistoqsija**:
Taqbel int li l-qawwa li Ġesù wiegħed hawn hija l-istess "qawwa" msemmija f'Mark 9:1?

**Tweġiba**: IVA LE

**Luqa: 24:49**

"U, ara, jien nibgħat il-wegħda ta' Missieri fuqkom: iżda intom ibqgħu fil-belt ta' Ġerusalem, sakemm titlibbsu bil-**qawwa** mill-għoli. "

37. **Mistoqsija**:

Taqbel int li **l-qawwa** li Ġesù wiegħed hawn hija l-istess "qawwa" msemmija f'Mark 9:1?

**Tweġiba**: IVA LE

**Atti 1:8**

"Imma intom tieħdu **qawwa** wara li jiġi l-Ispirtu s-Santu fuqkom...."

38. **Mistoqsija**:

Temmen int, li l-qawwa hija l-istess waħda msemmija f'Mark 9:1 u f'Luqa 24:29?

**Tweġiba**: IVA LE

**Atti 2:1-4**

"U meta wasal jum il-Pentekoste, kienu kollha b'fehma waħda, f'post wieħed. U f'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha ta' fejn kienu qegħdin. U hemm dehrulhom ilsna mifruqin qishom tan-nar, li qagħdu fuq kull wieħed minnhom. U mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu, u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, kif l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu."

39. **Mistoqsija**:

Temmen int, li hawn l-appostli rċevew **il-qawwa** ta' l-Ispirtu s-Santu mwiegħda minn Ġesù?

**Tweġiba**: IVA LE

40. **Mistoqsija**:

Temmen int, li l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu mwiegħeda minn Ġesù ġiet fil-Jum ta' Pentekoste?

**Tweġiba**: IVA LE

41. **Mistoqsija**:

Temmen int, lis-**saltna** ġiet **bil-qawwa** fil-Jum ta' Pentekoste?

## 1 Korintin 15:24

"Imbagħad jiġi t-tmiem, **meta hu jagħti s-saltna** 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa."

42. **Mistoqsija**:

Jista' Kristu **jagħti s-saltna** 'l Alla l-Missier fit-tmiem meta, skond il-premillenjalisti, is-saltna tkun għadha se tibda għal elf sena oħra fuq l-art?

**Tweġiba**: IVA LE

43. **Mistoqsija**:

X'temmen int, li "mbagħad jiġi **t-tmiem**" jew il-bidu ta' saltna għal elf sena oħra fuq l-art?

**Tweġiba**:

Imbagħad jiġi tmiem ☐

Il-bidu ta' saltna għal elf sena oħra fuq l-art ☐

**Tinsiex li:**

"**Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin**." (Atti 5:29).

**Tinsiex ukoll it-twissija:**

"Tħallu 'l ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab t'Alla fuq ulied id-diżubbidjenza." (Efesin 5:6)

**44. <u>Mistoqsija</u>:** Lest int li **"tobdi aktar lil Alla milli 'l-bnedmin?** IVA LE

**IPPREŻENTAT**
**MILL-KNISJA TA' KRISTU**

Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: info@churchofchristmalta.com
website: www.churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd: Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa: Studju mill-Bibbja: 7.00 p.m.